Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14668/25

LIMITE

PECHE 365

PUBLIC

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0285 (NLE)**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2026 |

- *Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*
- *Skambju ta' fehmiet*

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq, abbażi tal-Artikolu 43(3) TFUE, fit-22 ta' Settembru 2025[1]. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026 fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, f'konformità mal-pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM).

2. Huwa mistenni dokument informali addizzjonali tal-Kummissjoni biex jikkomplementa l-proposta fi żmien debitu.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2025.

4. Għadd ta' delegazzjonijiet daħħlu riżervi ta' skrutinju.

5. Tliet delegazzjonijiet enfasizzaw l-importanza li jiġi emendat il-pjan pluriennali għall-Punent tal-Mediterran.

[1] Dok. 13077/25 + ADD1

6. Il-Kunsill huwa mistieden jieħu nota tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni u jiskambja fehmiet dwar din il-kwistjoni.

PUBLIC